

interessi tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-programm għandu jsaħħaħ il-kapaċità li jipprovdi liċ-ċittadini b'informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' saħħa u li jwessa' l-iskop ta' l-għarfien u l-għażla.

Emenda mressqa minn Evangelia Tzampazi

Emenda 13
Premessa 14

(14) Iż-żieda fis-Snin ta' Ħajja fis-Saħħa (HLY), ***imsejjaħ ukoll indikatur ta' l-għomor mingħajr diżabbiltà***, permezz tal-prevenzjoni ta' mard u l-promozzjoni tax-xjuħija f'saħħa tajba hu importanti għall-benessri taċ-ċittadini ta' l-UE u jgħin sabiex jiġu milqugħa l-isfidi tal-proċess ta' Liżbona għal dak li għandu x'jaqsam mas-soċjetà ta' l-għarfien u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi li huma taħt pressjoni minħabbal-ispejjeż ta' kura tas-saħħa u s-sigurtà soċjali li dejjem qegħdin jiżdiedu.

(14) Iż-żieda fis-Snin ta' Ħajja fis-Saħħa (HLY), permezz tal-prevenzjoni ta' mard u l-promozzjoni tax-xjuħija f'saħħa tajba hu importanti għall-benessri taċ-ċittadini ta' l-UE u jgħin sabiex jiġu milqugħa l-isfidi tal-proċess ta' Liżbona għal dak li għandu x'jaqsam mas-soċjetà ta' l-għarfien u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi li huma taħt pressjoni minħabbal-ispejjeż ta' kura tas-saħħa u s-sigurtà soċjali li dejjem qegħdin jiżdiedu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-lingwa għandha tkun emendata minħabba li hija tirreferi għad-diżabbiltà b'mod negattiv ħafna minħabba li tqis ħafna l-approċċ mediku għad-diżabbiltà. Persuni li għandhom diżabbiltà spjegaw li d-diżabbiltà ma tfissirx li persuna b' d-diżabbiltà hija marida jew inkapaċi. Għalhekk, il-lingwa użata b'dan il-mod fl-abbozz tar-rapport relatat mad-diżabbiltà mhix xierqa.

Emenda mressqa minn Iles Braghetto

Emenda 14
Premessa 15

(15) It-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea għab miegħu tħassib supplimentari għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-inguwaljanzi tas-

(15) It-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea għab miegħu tħassib supplimentari għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-inguwaljanzi tas-

saħħa fi ħdan l-UE u hu probabbli li jiżdied f'tkabbiriet oħrajn. Għalhekk, din il-kwistjoni għandha tkun waħda mill-prijoritajiet tal-Programm.

sahha **bejn gruppi soċjali u differenzi tas-sahha** fi hdan l-UE u hu probabbli li jizdied f'tkabbiriet oħrajn. This issue should, therefore, be one of the priorities of the Programme.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Hemm bżonn ta' definizzjoni ta' x'inhuma l-inugwaljanzi tas-saħħa kontra sempliċiment 'differenzi'. Inugwaljanzi huma riżultat ta' proċessi soċjali sistematiċi (diskriminazzjoni, eċċ) li jiffaċċaw quddiem l-inġustizzja soċjali u d-drittijiet tal-bniedem u li jistgħu jkunu influwenzati minn programmi u politiki xierqa. Għalhekk, l-inugwaljanzi tas-saħħa jistgħu jkunu marbuta ma' aċċess inġust għas-servizzi soċjali u tas-saħħa, inġustizzja f'termini ta' trattament li wieħed jirċievi, eċċ.

Emenda mressqa minn Christofer Fjellner

Emenda 15
Premessa 18

(18) L-aħjar prassi hi importanti minħabba l-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' l-effiċjenza u l-effettività u mhux biss f'termini ekonomiċi. Jeħtieġ li titħeġġeġ l-aħjar prassi u l-aħħar metodi ta' trattament għall-mard u l-leżjonijiet sabiex tiġi evitata aktar deterjorazzjoni tas-saħħa, u jiġu żviluppati ċentri ta' referenza għal kondizzjonijiet speċifiċi.

(18) L-aħjar prassi hi importanti minħabba l-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' l-effiċjenza u l-effettività u mhux biss f'termini ekonomiċi. Jeħtieġ li titħeġġeġ l-aħjar prassi u l-aħħar metodi ta' trattament għall-mard u l-leżjonijiet sabiex tiġi evitata aktar deterjorazzjoni tas-saħħa, u jiġu żviluppati ċentri ta' referenza għal kondizzjonijiet speċifiċi. ***Huwa importanti wkoll li jiġu permessi alternattivi li jistgħu jkunu preferuti għal raġunijiet soċjali, etiċi u oħrajn individwali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li wieħed jikkunsidra li l-kura tas-saħħa tant hija tajba issa li xi ħadd jista' jagħżel metodu ta' trattament, minħabba raġunijiet soċjali, reliġjużi u preferenzi individwali oħrajn, li oġġettivament mhumiex tajbin daqs l-oħrajn. Per eżempju, xi ħadd li qed imut bil-kanser jista' jippreferixxi li jibqa' viċin qrabatu milli jtawwal ħajtu/ħajjitha; xi ħadd jista' jagħżel li għal raġunijiet reliġjużi, ma jaċċettax donazzjonijiet ta' demm.

Emenda mressqa minn Iles Braghetto

Emenda 16

Premessa 21

(21) Il-Programm għandu jikkontribwixxi għall-ġabra ta' data, il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' metodi u strumenti, it-twaqqif ta' netwerks u diversi tipi ta' koperazzjoni u l-promozzjoni tal-politiki rilevanti dwar il-mobbiltà tal-pazjent kif ukoll dwar il-mobbiltà tas-saħħa tal-professjonisti. Għandu *jħaffef* l-iżvilupp 'il quddiem taż-Żona e-Saħħa Ewropea, permezz ta' inizjattivi Ewropej konġunti ma' żoni oħra ta' politika ta' l-UE, li jinkludu l-politika reġjonali, filwaqt li jikkontribwixxi lejn xogħol ibbażat fuq il-kriterji tal-kwalità għal websajts relatati mas-saħħa u lejn il-Karta Ewropea ta' l-Assigurazzjoni tas-Saħħa. Għandha tiġi kkunsidrata t-telemediċina minħabba li applikazzjonijiet telemediċinali jistgħu jikkontribwixxu għal kura transkonfinali filwaqt li jiżguraw kura tas-saħħa fid-dar.

(21) Il-Programm għandu jikkontribwixxi għall-ġabra ta' data, il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' metodi u strumenti, it-twaqqif ta' netwerks u diversi tipi ta' koperazzjoni u l-promozzjoni tal-politiki rilevanti dwar il-mobbiltà tal-pazjent kif ukoll dwar il-mobbiltà tas-saħħa tal-professjonisti ***u l-ħarsien u l-promozzjoni ta' riżorsi naturali u ambjentali għal skopijiet terapewtiċi.*** Għandu *jiffaċilita* l-iżvilupp 'il quddiem taż-Żona e-Saħħa Ewropea, permezz ta' inizjattivi Ewropej konġunti ma' żoni oħra ta' politika ta' l-UE, li jinkludu l-politika reġjonali, filwaqt li jikkontribwixxi lejn xogħol ibbażat fuq il-kriterji tal-kwalità għal websajts relatati mas-saħħa u lejn il-Karta Ewropea ta' l-Assigurazzjoni tas-Saħħa. Għandha tiġi kkunsidrata t-telemediċina minħabba li applikazzjonijiet telemediċinali jistgħu jikkontribwixxu għal kura transkonfinali filwaqt li jiżguraw kura tas-saħħa fid-dar.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Rigward il-prinċipju ta' sussidjarjetà, huwa essenzjali għar-riżorsi naturali u ambjentali bħat-tajn u l-ilmijiet termali spa (thermal spa waters) eċċ sabiex ikunu protetti fuq livell Ewropew, u jiġu stabbiliti definizzjonijiet ċari sabiex id-drittijiet tal-pazjenti u l-istandards ta' kwalità jkunu garantiti.

Emenda mressqa minn Caroline Lucas u Hiltrud Breyer

Emenda 17

Premessa 23 a (ġdida)

(23a) Hemm bżonn ta' approċċ sħiħ u pluralist għas-saħħa pubblika u għalhekk, mediċina kumplimentarja u alternattiva għandha tkun inkluża fl-azzjonijiet

appoġġjati mill-Programm.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda 145 mill-ewwel qari.

Miljuni ta' ċittadini Ewropej jagħmlu użu minn mediċina kumplimentari u alternattiva. Huwa importanti li jiġi adottat approċċ sħiħ u pluralist fil-programm u li tkun inkluża mediċina kumplimentari u alternattiva fl-azzjonijiet tal-programm.

Emenda mressqa minn Antonio De Blasio

Emenda 18
Premessa 27

(27) Jeħtieġ li jiżdied l-investment ta' l-UE fis-saħħa u l-proġetti relatati mas-saħħa. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri **għandhom** jitħeġġu jidentifikaw it-titjib tas-saħħa bħala prijorità fil-programmi nazzjonali tagħhom. Għarfien aħjar dwar il-possibiltajiet tal-finanzjament ta' l-UE għas-saħħa hu meħtieġ. Jitħeġġeġ l-iskambju ta' esperjenzi bejn l-Istati Membri dwar il-finanzjament tas-saħħa permezz tal-Fondi Strutturali.

(27) Jeħtieġ li jiżdied l-investment ta' l-UE fis-saħħa u l-proġetti relatati mas-saħħa. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri **huma mħeġġa** jidentifikaw it-titjib tas-saħħa bħala prijorità fil-programmi nazzjonali tagħhom. Għarfien aħjar dwar il-possibiltajiet tal-finanzjament ta' l-UE għas-saħħa hu meħtieġ. Jitħeġġeġ l-iskambju ta' esperjenzi bejn l-Istati Membri dwar il-finanzjament tas-saħħa permezz tal-Fondi Strutturali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minħabba li l-kontribuzzjonijiet kollha tal-Komunità huma bbażati fuq kofinanzjament, l-Istati Membri huma responsabbli għall-kofinanzjament tal-promozzjoni tas-saħħa.

Emenda mressqa minn Iles Braghetto

Emenda 19
Premessa 33

(33) Huwa xieraq li tiġi żviluppata kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħalma huma n-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħha inkluża l-Organizzazzjoni Dinjija tas-

(33) Huwa xieraq li tiġi żviluppata kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti bħalma huma n-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħha inkluża l-Organizzazzjoni Dinjija tas-

Saħħa, kif ukoll mal-Kunsill ta' l-Ewropa u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku bil-ħsieb li jiġi implimentat il-Programm permezz tal-massimizzazzjoni ta' l-effettività u l-effiċjenza ta' azzjonijiet marbuta mas-saħħa fuq livell Komunitarju u internazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet u *r-rwoli* partikolari ta' l-organizzazzjonijiet differenti.

Saħħa *f'oqsma definiti b'mod ċar*, kif ukoll mal-Kunsill ta' l-Ewropa u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku bil-ħsieb li jiġi implimentat il-Programm permezz tal-massimizzazzjoni ta' l-effettività u l-effiċjenza ta' azzjonijiet marbuta mas-saħħa fuq livell Komunitarju u internazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet u *l-irwoli* partikolari ta' l-organizzazzjonijiet differenti.

Or. it

Ġustifikazzjoni

Koperazzjoni ma' l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa diġà għaddejja f'diversi oqsma. Ikun utli li wieħed jindika fl-liema oqsma hija mfittxija iktar koperazzjoni u liema mekkaniżmi finanzjarji u riżorsi umani huma meħtieġa sabiex din il-koperazzjoni ssir aktar effettiva u sabiex tiżgura li l-objettivi tal-Komunità qed jinżammu.

Emenda mressqa minn Antonio De Blasio

Emenda 20

Artikolu 2, paragrafu 2, subparagrafu 2

- il-promozzjoni tas-saħħa,

- il-promozzjoni tas-saħħa ***fil-politiki kollha li jgħinu jtnaqqsu l-inugwaljanzi tas-saħħa,***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-promozzjoni "Saħħa fil-politiki kollha" hija waħda mill-istrateġiji multi-settorjali ewlenin tal-Komunitajiet Ewropej li tipprova tintegra b'suċċess il-kwistjonijiet tas-saħħa fil-politiki kollha tal-Komunità u l-attivitajiet relatati mas-saħħa.

Emenda mressqa minn Antonio De Blasio

Emenda 21

Artikolu 2, paragrafu 2, subparagrafu 3

-il-ħolqien u t-tixrid ta' informazzjoni u għarfien dwar is-saħħa

imħassar

Ġustifikazzjoni

It-tieni objettiv: il-promozzjoni tas-saħħa tinkludi il-qsim ta' informazzjoni u għarfien. Barra minn hekk, l-Artikolu 5 jispjega fit-tul kif l-informazzjoni u l-għarfien jistgħu jinqasmu.

Emenda mressqa minn Christofer Fjellner

Emenda 22

Artikolu 2, paragrafu 2, subparagrafu 3

-il-ħolqien u t-tixrid ta' informazzjoni u għarfien dwar is-saħħa

-il-ħolqien u t-tixrid ta' informazzjoni u għarfien dwar is-saħħa, ***inkluża żieda fit-trasparenza bejn is-sistema għall-kura tas-saħħa f'pajjiżi differenti.***

Ġustifikazzjoni

Dan il-programm għandu jsaħħaħ il-kapaċità li jipprovi liċ-ċittadini b'informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' saħħa u li jwessa' l-ambitu ta' l-għarfien u l-għażla.

Emenda mressqa minn Antonio De Blasio

Emenda 23

Artikolu 4, paragrafu 4

4. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Komunità jistgħu ukoll jingħataw fil-forma ta' finanzjament b'rata fissa jew somma f'daqqa fejn dan jaqbel għan-natura ta' l-azzjonijiet ikkonċernati. Għal kontribuzzjonijiet finanzjarji bħal dawn il-limiti perċentwali stipulati fil-paragrafi 1 u 3 hawn fuq mhumiex se japplikaw minkejja li jinħtieġ ko-finanzjament.

4. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Komunità jistgħu ukoll jingħataw fil-forma ta' finanzjament b'rata fissa jew somma f'daqqa fejn dan jaqbel għan-natura ta' l-azzjonijiet ikkonċernati. ***Madanakollu, qabel dawn l-azzjonijiet jirċievu kontribuzzjonijiet finanzjarji, il-Parlament Ewropew għandu jkun infurmat dwar in-natura tagħhom.*** Għal kontribuzzjonijiet finanzjarji bħal dawn il-limiti perċentwali stipulati fil-paragrafi 1 u 3 hawn fuq mhumiex se japplikaw minkejja li jinħtieġ ko-finanzjament.

Ġustifikazzjoni

Il-Parlament Ewropew għandu dritt ikun infurmat.

Emenda mressqa minn Antonio De Blasio

Emenda 24
Artikolu 4, paragrafu 4a (ġdid)

4a. Il-kontributi finanzjarji kollha li jingħataw mill-Komunità jridu jkunu suġġetti għall-prinċipji tat-trasparenza u tat-trattament indaqs. Għalhekk għandhom ikunu ppublikati fuq il-homepage tal-Kummissjoni, b'attenzjoni speċjali għall-utilità eċċezzjonali ta' l-azzjoni u d-dewma tal-kontribuzzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-trasparenza finanzjarja u t-trattament indaqs huma prinċipji ewlenin fid-distribuzzjoni tal-fondi tal-Komunità.

Emenda mressqa minn Antonio De Blasio

Emenda 25
Artikolu 5, paragrafu 1

1. L-allokkazzjoni finanzjarja tal-Programm tista' tkopri wkoll l-ispejjeż relatati ma' attivitajiet ta' tħejjija, superviżjoni, kontroll, verifika u *valutazzjoni*, meħtieġa direttament għat-tmexxija tal-Programm u t-tweqqif ta' l-għanijiet tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat, azzjonijiet ta' tagħrif u pubblikazzjoni, spejjeż marbuta ma' netwerks ta' l-informatika li jiffokaw fuq l-iskambju ta' tagħrif, flimkien ma' kull spiża ta' assistenza teknika u amministrattiva oħra li l-Kummissjoni tista' tirrikorri għaliha għat-tmexxija tal-Programm.

1. ***Sa 10 % ta' l-allokkazzjoni finanzjarja tal-Programm tista' tkopri wkoll l-ispejjeż relatati ma' attivitajiet ta' tħejjija, superviżjoni, kontroll, verifika u evalwazzjoni, meħtieġa direttament għat-tmexxija tal-Programm u t-tweqqif ta' l-għanijiet tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat, azzjonijiet ta' tagħrif u pubblikazzjoni, spejjeż marbuta ma' netwerks ta' l-informatika li jiffokaw fuq l-iskambju ta' tagħrif, flimkien ma' kull spiża ta' assistenza teknika u amministrattiva oħra li l-Kummissjoni tista' tirrikorri għaliha għat-tmexxija tal-Programm.***

Ġustifikazzjoni

Normalment l-ispiża għall-ġhajjnuna amministrattiva u teknika għall-programm ta' suċċess tista' tilħaq sa l-10%.

Emenda mressqa minn Antonio De Blasio

Emenda 26

Artikolu 7, paragrafu 3, punt (a)

(a) ***tfittex*** li tikseb il-komparabbiltà tad-*data* u l-informazzjoni, u l-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà tas-sistemi u n-netwerks għall-iskambju ta' *data* u informazzjoni dwar is-saħħa; u

(a) ***tiżgura*** li tikseb il-komparabbiltà tad-*dejta* u l-informazzjoni, u l-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà tas-sistemi u n-netwerks għall-iskambju ta' *dejta* u informazzjoni dwar is-saħħa; u

Ġustifikazzjoni

L-uniku mod kif jintużaw b'mod effiċjenti d-dejta u l-informazzjoni mill-Istati Membri jekk ikunu kollha bbażati fuq l-istess proċess ta' kejl.

Emenda mressqa minn Iles Braghetto

Emenda 27

Anness, punt 2.1.2.

2.1.2. L-appoġġ għal inizjattivi li jidentifikaw il-kawżi ta', jindirizzaw u jnaqqsu l-inugwaljanzi tas-saħħa fi ħdan u bejn l-Istati Membri, inklużi dawk dwar id-differenzi bejn is-sess sabiex jikkontribwixxu għall-prosperità u l-koeżjoni; il-promozzjoni ta' investiment fis-saħħa f'kooperazzjoni ma' linji politiċi u Fondi Komunitarji oħrajn; it-titjib tas-solidarjetà bejn sistemi nazzjonali tas-saħħa billi tiġi *appoġġata* l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' kura *transkonfini*.

2.1.2. L-appoġġ għal inizjattivi li jidentifikaw il-kawżi ta', jindirizzaw u jnaqqsu l-inugwaljanzi tas-saħħa fi ħdan u bejn l-Istati Membri, inklużi dawk dwar id-differenzi bejn is-sess sabiex jikkontribwixxu għall-prosperità u l-koeżjoni; il-promozzjoni ta' investiment fis-saħħa f'kooperazzjoni ma' linji politiċi u Fondi Komunitarji oħrajn; it-titjib tas-solidarjetà bejn sistemi nazzjonali tas-saħħa billi tiġi *appoġġjata* l-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet ta' kura transkonfinali ***u d-definizzjoni, ir-rikonnoxximent u l-promozzjoni ta' terapiji alternattivi li diġà qed jintużaw ħafna, bħal trattamenti***

permezz ta' spas termali.

Or. it

Ġustifikazzjoni

F'konnessjoni mal-mobilità tal-pazjenti, hemm ukoll talba kbira għal kura medika alternattiva transkonfinali. Trattamenti permezz ta' spas termali, li huma tradizzjoni li ilha f'ħafna mill-Istati Membri, li fihom għandhom impatt soċjo-ekonomiku kbir, għandha tkun għalhekk definita f'livell Ewropew sabiex ikunu mħarsa l-pazjenti li jużaw dan it-tip ta' trattamenti.

Emenda mressqa minn Christofer Fjellner

Emenda 28

Anness, punt 2.1.2 a (ġdid)

2.1.2.a. Ikun rikonoxxut li l-pazjenti għandhom drittijiet ukoll bħala konsumaturi tal-kura tas-saħħa.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-pazjenti fl-UE llum huma iktar b'saħħithom u infurmati aħjar minn qatt qabel. Il-kura tas-saħħa nbidlet u saret aktar professjonali, u tħaddan firxa aktar wiesgħa ta' parteċipanti. Il-pazjenti issa għandhom bżonn mhux biss ta' protezzjoni iżda wkoll tal-kapaċità li jużaw avvanzi fil-mediċina u d-divrenzjar fil-qasam tas-saħħa, u dan għandu jkun rifless fil-leġiżlazzjoni, b'mod partikulari f'termini ta' informazzjoni u d-dritt tal-libertà ta' l-għażla fil-kura tas-saħħa.

Emenda mressqa minn Iles Braghetto

Emenda 29

Anness, punt 2.2.1.

2.2.1. L-indirizzar ta' fatturi determinanti tas-saħħa għall-promozzjoni u t-titjib tas-saħħa fiżika u mentali, il-ħolqien ta' ambjenti ta' sostenn għal stili ta' ħajja sani u l-prevenzjoni ta' mard; it-teħid ta' azzjoni fuq fatturi ewlenin bħan-nutrizzjoni u l-attività fiżika u s-saħħa sesswali, u dwar fatturi determinanti marbuta mal-vizzji bħat-tipjip, l-alkoħol u d-drogi, b'iffokar fuq ambjenti ewlenin bħall-edukazzjoni u l-post

2.2.1. L-indirizzar ta' fatturi determinanti tas-saħħa għall-promozzjoni u t-titjib tas-saħħa fiżika u mentali, il-ħolqien ta' ambjenti ta' sostenn għal stili ta' ħajja sani u l-prevenzjoni ta' mard; it-teħid ta' azzjoni fuq fatturi ewlenin bħan-nutrizzjoni u l-attività fiżika u s-saħħa sesswali, u dwar fatturi determinanti marbuta mal-vizzji bħat-tipjip, l-alkoħol u d-drogi, b'iffokar fuq ambjenti ewlenin bħall-edukazzjoni u l-post

tax-xogħol u ċ-ċiklu ta' matul il-ħajja.

tax-xogħol u ċ-ċiklu ta' matul il-ħajja; **il-promozzjoni ta' politika attiva biex ikunu mtejba l-kundizzjonijiet ta' l-għixien (il-ġlieda kontra l-faqar, il-prekarjetà, il-vulnerabilità, l-esklużjoni soċjali) li huma ta' ħsara għas-saħħa.**

Or. it

Ġustifikazzjoni

Il-kundizzjonijiet ta' l-għixien u l-istili tal-ħajja joħolqu kundizzjonijiet li huma ta' ħsara għas-saħħa u huma l-kawża ta' żieda fl-inugwaljanzi tas-saħħa bejn il-gruppi soċjali fi Stati Membri differenti u f'kull Stat Membru individwali.

Emenda mressqa minn Caroline Lucas u Hiltrud Breyer

Emenda 30
Anness, punt 2.2.1.

2.2.1 L-indirizzar ta' fatturi determinanti tas-saħħa għall-promozzjoni u t-titjib tas-saħħa fiżika u mentali, il-ħolqien ta' ambjenti ta' sostenn għal stili ta' ħajja sani u l-prevenzjoni ta' mard; it-teħid ta' azzjoni fuq fatturi ewlenin bħan-nutrizzjoni u l-attività fiżika u s-saħħa sesswali, u dwar fatturi determinanti marbuta mal-vizzji bħat-tipjip, l-alkoħol **u** d-drogi, b'iffokar fuq ambjenti ewlenin bħall-edukazzjoni u l-post tax-xogħol u ċ-ċiklu ta' matul il-ħajja.

2.2.1 L-indirizzar ta' fatturi determinanti tas-saħħa għall-promozzjoni u t-titjib tas-saħħa fiżika u mentali, il-ħolqien ta' ambjenti ta' sostenn għal stili ta' ħajja sani u l-prevenzjoni ta' mard; it-teħid ta' azzjoni fuq fatturi ewlenin bħan-nutrizzjoni u l-attività fiżika u s-saħħa sesswali, u dwar fatturi determinanti marbuta mal-vizzji bħat-tipjip, l-alkoħol, **mediċini bir-riċetta medika u** d-drogi **illegali**, b'iffokar fuq ambjenti ewlenin bħall-edukazzjoni u l-post tax-xogħol u ċ-ċiklu ta' matul il-ħajja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Emenda 87 mill-ewwel qari.

Kjarifika biex ikun żgurat li l-azzjonijiet meħuda biex jindirizzaw fatturi determinanti tas-saħħa jinkludu azzjoni kontra d-dipendenza fuq mediċini bir-riċetta medika, li hija fattur determinanti tas-saħħa importanti.

Emenda mressqa minn Georgs Andrejevs

Emenda 31

Anness, punt 2.2.2., subparagrafu 1 a (ġdid)

Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tissottometti, waqt l-attwazzjoni ta' dan il-Programm ta' Qafas, proposti għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni, id-dijanjosi u l-kontroll ta' mard prinċipali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Terġa' tiddaħħal l-emenda 105 ta' l-ewwel qari. It-trasferiment ta' l-aħjar Prattiki madwar l-Ewropa rigward il-mard prinċipali bla dubju jżid valur għall-istrateġiji nazzjonali tas-saħħa. L-azzjonijiet ta' l-UE huma wkoll iġġustifikati f'termini ta' effiċjenza kif ukoll biex jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri billi jnaqqsu l-inkonsistenzi fil-politiki nazzjonali. Il-mard diġà, fuq livelli differenti, ġibed l-attenzjoni ta' l-UE iżda mingħajr koerenza, huwa loġiku li l-Ewropa issa għandha tikkontribwixxi għall-prevenzjoni, id-dijanjosi u l-kontroll f'dawn l-oqsma. Il-mard prinċipali fl-Ewropa jinkludi l-mard kardjovaskulari, il-kanser, id-dijabete u l-mard mentali.

Emenda mressqa minn Christofer Fjellner

Emenda 32

Anness, punt 3.1.1.

3.1.1. L-iskambju ta' għarfien u l-aħjar Prattika dwar kwistjonijiet ta' saħħa fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm.

3.1.1. L-iskambju ta' għarfien u l-aħjar Prattika dwar kwistjonijiet ta' saħħa fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm, ***inkluża informazzjoni dwar min jipprovdi l-kura tas-saħħa u servizzi barra mill-pajjiż kif ukoll regoli dwar ir-rimbors ta' spejjeż għall-kura tas-saħħa.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan il-programm għandu jsaħħaħ il-kapaċità li jipprovdi liċ-ċittadini b'informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' saħħa u li jwessa' l-ambitu ta' l-għarfien u l-ġhażla.

Emenda mressqa minn John Bowis

Emenda 33
Anness, punt 3.2.1.

3.2.1. L-iżvilupp ulterjuri ta' sistema ta' monitoraġġ tas-saħħa sostenibbli b'mekkaniżmi għal ġbir ta' *data* u informazzjoni, b'indikaturi adatti; ***il-ġabra ta' data*** dwar l-istatus u l-linji politiċi tas-saħħa; ***l-iżvilupp***, mal-Programm Komunitarju ta' l-Istatistika, ***ta' l-element statistiku ta' din is-sistema.***

3.2.1. L-iżvilupp ulterjuri ta' sistema ta' monitoraġġ tas-saħħa sostenibbli b'mekkaniżmi għal ġbir ta' *dejta* u informazzjoni, b'indikaturi adatti; ***il-ħolqien ta' reġistru fuq livell Ewropew għall-mard prinċipali; il-ġbir ta' dejta*** dwar l-istatus u l-linji politiċi tas-saħħa; ***l-element statistiku ta' din is-sistema se jiġi żviluppat flimkien*** mal-Programm Komunitarju ta' l-Istatistika.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'konformità mad-deċiżjoni meħuda fl-ewwel qari li jkun hemm riferenza biss għall-mard speċifiku fil-premessi.

Emenda mressqa minn Georgs Andrejevs

Emenda 34
Anness, punt 3.2.1.

3.2.1. L-iżvilupp ulterjuri ta' sistema ta' monitoraġġ tas-saħħa sostenibbli b'mekkaniżmi għal ġbir ta' *data* u informazzjoni, b'indikaturi adatti; ***il-ġabra ta' data*** dwar l-istatus u l-linji politiċi tas-saħħa; ***l-iżvilupp***, mal-Programm Komunitarju ta' l-Istatistika, ta' l-element statistiku ta' din is-sistema.

3.2.1. L-iżvilupp ulterjuri ta' sistema ta' monitoraġġ tas-saħħa sostenibbli b'mekkaniżmi għal ġbir ta' *dejta* u informazzjoni, b'indikaturi adatti; ***il-ġabra ta' dejta*** dwar l-istatus u l-linji politiċi tas-saħħa; ***il-ħolqien ta' reġistri fuq livell Ewropew għall-mard prinċipali (eż. l-mard kardjovaskulari u l-kanser), u l-iżvilupp ta' metodoloġiji u manutenzjoni tal-bażi tad-dejta;*** ***l-iżvilupp***, mal-Programm Komunitarju ta' l-Istatistika, ta' l-element statistiku ta' din is-sistema.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Terġa' tiddaħħal l-emenda 126 ta' l-ewwel qari.

Emenda mressqa minn Christofer Fjellner

Emenda 35
Anness, punt 3.2.2.

3.2.2 L-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-analiżi u t-tixrid, li jinkludu rapporti Komunitarji tas-saħħa, il-Portal tas-Saħħa u l-konferenzi; il-forniment ta' tagħrif liċ-ċittadini, lill-partijiet konċernati u lil dawġ li jfasslu l-linji politiċi, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' konsultazzjoni u l-proċessi ta' parteċipazzjoni; ir-*rapporti* regolari dwar l-Istatus tas-Saħħa fl-Unjoni Ewropea msejjes fuq id-*data* u l-indikaturi kollha, inkluża analiżi kwalitattiva u kwantitattiva.

3.2.2 L-iżvilupp ta' mekkaniżmi għall-analiżi u t-tixrid, li jinkludu rapporti Komunitarji tas-saħħa, il-Portal tas-Saħħa u l-konferenzi; il-forniment ta' tagħrif liċ-ċittadini, lill-partijiet konċernati u lil dawġ li jfasslu l-linji politiċi, l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' konsultazzjoni u l-proċessi ta' parteċipazzjoni; ir-*rapport* regolari dwar l-Istatus tas-Saħħa fl-Unjoni Ewropea msejjes fuq id-*dejta* u l-indikaturi kollha, inkluża analiżi kwalitattiva u kwantitattiva ***u, primarjament, li jitqiesu r-riżultati u mhux ir-riżorsi disponibbli għas-servizz tal-kura tas-saħħa, bħan-numru ta' ġranet u sodod ta' sptar.***

Or. sv

Ġustifikazzjoni

F'termini ta' flus, l-Estonja tonfoq ħafna anqas mill-Ingilterra, pereżempju, fuq il-kura tas-saħħa. Jekk wieħed iqis ir-riżorsi, l-Estonja għadha lura. Iżda jekk wieħed iqis iċ-ċansijiet ta' sopravivenza ta' nisa bil-kanser tas-sider, l-Estonja tikseb riżultati aħjar mill-Belġju, pereżempju. Infezzjonijiet ipprovokati mill-istafilokoċċi awrei huma ħafna aktar rari milli fl-Ingilterra u fl-Irlanda. Sabiex l-informazzjoni dwar il-kura tas-saħħa tkun rilevanti għal dawġ li qed jużawha, iridu jitqiesu r-riżultati u mhux ir-riżorsi ddedikati għall-qasam.